12 ta' Marzu, 1946.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Salvatore Balluci** *versus* **Joseph Vella Gera, M.B.E., ne.** (*)

**Interess — Dikjarazzjoni Preordinata għal Kawża Oħra — Atti "Jure Imperii" — Rekwiżizzjoni.**

*Rekwiżit imprexindibili ta' kull azzjoni huwa l-interess f'min jipproponiha; u dan l-interess ma għandux ikun ipotetiku, imma hemm bżonn li ikun konkret u sussistenti di fronti għal dak li jiġi magħżul mill-attur bħala kontradittur leġittimu.*

*Fil-prattika ġudizzjaria tagħna ma humiex projbiti domandi diretti għall-otteniment ta' dikjarazzjonijiet preordinati għal domanda oħra definitiva u finali, avvolja din id-domanda ma tkunx dedotta in ġudizzju; però hemm bżonn li l-Qorti tkun soddisfatta illi hemm dak l-interess, anki preordinat għal kawża oħra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk ottenuta tkun tifforma l-bażi ta' kawża oħra li tista' ssir fil-futur.*

*Jekk id-domanda għal dik id-dikjarazzjoni ssir biex min ikun ottjeniha jirrikorri lill-Awtorità Eżekutiva bis-soltu tagħha, ma jiġix radikat l-interess ġuridiku meħtieġ għall-azzjoni; għax ma tkunx preordinata għal kawża oħra prinċipali. U għalhekk mhix ammissibili.*

*Similment, mhix anqas ammissibili dik id-domanda meta d-dikjarazzjoni hija mitluba biex min jottjeniha jkun jista' jagħmel kawża prinċipali għar-revoka ta' att magħmul "jure imperii", bħal ma huwa hruġ ta' "requisition order"; għax dawk l-atti mhumiex sindakabili mill-Qrati, u għalhekk dik il-kawża ma jistax ikollha riżultament utili.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-uniku post ta' abitazzjoni ta' l-attur huwa 21, Tomb Square, Victoria, Għawdex, kif okkorrendo jiġi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż u bl-interpellazzjoni lill-konvenut biex jagħti s-subizzjoni tiegħu;

*Omissis:*

(*) Ceduta fl-Appell, 27. 5. 46.

Ikkunsidrat fuq il-preġudizzjali ta' nuqqas ta' interess ġuridiku;

Illi, kif osservat din il-Qorti fil-kawża "Strickland vs. Dr. Borg Olivier" maqtugħa fil-21 ta' Mejju 1935, peress illi rekwiżit imprexindibili ta' kull azzjoni hu l-interess f'min jipproponiha, għalhekk hu dmir tal-ġudikant li qabel xejn jinvesti din il-kwistjoni;

Illi għad li fil-Liġi Maltija ma hemm ebda dispożizzjoni "ad hoc" dwar dan l-interess ġuridiku, kif hemm, per eżempju, fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljan fl-art. 36, eppure l-istess prinċipju ġie dejjem paċifikament affermat mill-Qrati Maltin (ara sentenza Kummerċ, "Brockdorff vs. Pace Balzan", 8 ta' April 1899, fejn ġie ċitat analoġikament l-art. 977, illum 959, Kodiċi Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15);

Illi fid-dibattitu f'din il-kawża l-attur, per mezz tad-difensur tiegħu, spjega illi hu għandu interess ġuridiku li jagħmel din il-kawża biex, jekk jottjeni d-dikjarazzjoni ġudizzjarja minnu mitluba, jew jirrikorri estraġudizzjalment lill-Awtorità Eżekutiva biex jiġi rtirat ir-"requisition order" li jaffetta l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, jew jaġixxi quddiem il-Qorti għar-revoka ta' dak l-ordni in bażi tad-dikjarazzjoni hekk ottenuta;

Illi fil-prattika ġudizzjarja tagħna ma humiex projbiti domandi preamboli, jiġifieri domandi diretti għall-otteniment ta' sempliċi dikjarazzjonijiet preordinati għal domanda oħra definitiva u finali, avvolja din ma tkunx dedotta in ġudizzju (sentenza Appell "Ellul vs. Cauchi", 14 ta' Mejju 1900, u "Harding vs. Vigo", 27 ta' Novembru 1933);

Illi però, kif għallmet l-istess Qorti ta' l-Appell in "Xuereb vs. Petrococchino", 4 ta' Diċembru 1944 — u dan irriljev hu ta' l-akbar importanza f'din il-kawża — hemm bżonn dejjem illi "il-Qorti tkun persważa illi hemm dak l-interess, anki preordinat għal kawża oħra, u li dik id-dikjarazzjoni hekk mitluba tkun qiegħda tifforma l-bażi ta' kawża oħra li tista' ssir fil-futur";

Illi ċ-ċirkustanza li l-attur, kwante volte jottjeni d-dikjarazzjoni minnu mitluba, bi ħsiebu jirrikorri lill-Awtorità Eżekutiva għall-konċessjoni grazzjuża ta' l-irtir tar-"requisition

order" ma tirradikax l-interess guridiku meħtieġ, għaliex id-dikjarazzjonijiet preamboli huma permessi bħala preordinati għal kawża oħra prinċipali, u mhux għalbiex wieħed jirrikorri lill-Awtorità Eżekutiva. Kieku dan kien ammissibili, allura l-Qorti ssir, jew tista' ssir, kummissjoni ta' inkjesta, kif osserva l-Imħallef Dr. Debono fil-kawża "Brockdorff vs. Pace Balzan" fuq ċitata. Minbarra dan, hu prinċipju aċċettat illi l-interess ma għandux ikun ipotetiku, imma konkret u sussistenti di fronti għal dak il-konvenut li hu magħżul bħala leġittimu kontradittur (ara Appell "Dr. Flynn vs. Prof. Zammit" 22 ta' Marzu 1926, u "Micallef Goggi vs. Mifsud" 11 ta' April 1930). Issa l-ħsieb ta' l-attur li jirrikorri lill-Awtorità Eżekutiva għal din il-konċessjoni grazzjuża ma jġibx fih interess di fronti għall-konvenut odjern;

Illi jekk il-punt jiġi kunsidrat mill-aspett l-ieħor illi l-attur, jekk jottjeni d-dikjarazzjoni fis-sens li qiegħed jitlob, allura jintenta kawża oħra, li tkun dik prinċipali u finali, għar-revoka tar-"requisition order", minn dan l-aspett hemm ostakolu ieħor. Infatti, in bażi għall-prinċipju tad-distinzjoni (paċifikament u kostantement magħmula) bejn atti "jure gestionis" u atti "jure imperii" (Appell "Busuttil vs. Mallia", 1 ta' Ġunju 1925, "Cassar Desain vs. Forbes", 7 ta' Jannar 1933, u diversi oħrajn), ġie ripetutament deċiż illi l-Qrati ma jistgħux jissindikaw l-opportunità jew l-espedjenza jew ġustizzja tal-ħruġ tar-"requisition order", ħaġa li hi unikament ta' kompetenza ta' l-Awtorità Amministrativa" (ara Appell Kriminali "Pulizija vs. Annie Borg" 1 ta' April 1944). Huwa ħaġa nota illi f'każ ta' "requisition order" taħt l-art. 52 tal-Malta Defence Regulations 1939, bħal f'dan il-każ (dok. fol. 8), ma jgħodd xejn jekk il-post hux okkupat jew le (Appell Kriminali "Pulizija vs. Ebejer" 8. 7. 1944), jew inkella jekk hux l-abitazzjoni unika jew le tar-"requisitionee". Għalhekk ebda riżultament utili ma jista' jkollha, anki taħt dan l-aspett, id-dikjarazzjoni mitluba;

Illi bl-istess mod il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fuq ċitata "Xuereb vs. Petrococchino", eskludiet l-interess ta' l-attur għaliex il-kawża li kien bi ħsiebu jintenta kieku ottjena d-dikjarazzjoni formulattiva, kienet timplika kritika ta' l-aġir "jure

imperju tal-Gvern — ħaġa li teżorbita mill-kompetenza tat-tribunali;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' "carenza d'interesse", u għalhekk tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.